MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Numru. 454/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**VS**

**Kevin Muscat, iben Nicolas u Anna nee' Micallef, imwieled l-Imtarfa nhar l-24 ta' Lulju, 1970, residenti fil-fond numru 4, It-Torri l-Ahmar, Flat 2, Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat (Malta), detentur tal-karta tal-identita' numru 303570M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kevin Muscat**, talli ghall-habta ta' xil-10:30hrs ta' nhar it-12 ta' April, 2010, gewwa dawn il-Gzejjer:

- Minghajr il-hsieb illi joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Agius, jew gablu disordni f'mohhu, u liema hsara tista' ggib periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz, u dan skont ma ccertifika Dr Patrick Farrugia MD (Reg No 2650) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-akkuza, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess;

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali dwar l-istess.

Xehed l-**Ufficjal Prosekutur Robert Vella**, illi ezebixxa l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet wara li l-istess kien anke moghti d-dritt tal-assistenza legali, folio 4. Ezebixxa wkoll ic-certifikat illi gie rilaxxat mit-Tabib Dr Patrick Farrugia, fil-konfront tal-griehi li sofra Adrian Agius (folio 16).

**PS 163 Robert Azzopardi**, illi nvestiga l-kaz in dezamina, xehed illi meta kellem lill-ferut Adrian Agius, dan kien qallu li kien hu li l-ewwel imbotta lil Muscat, pero cahad illi kien kiser saqajh bil-pellets. Sostna mas-Surgent illi fil-fatt kien l-imputat illi kien imbuttah mal-art, tah bil-ponn, telaghlu fuq saqajh u kisirhielu. Ezebixxa s-Surgent l-okkorrenza tal-kaz.

Minn naha tieghu, **Adrian Agius** qal illi fil-gurnata tal-incident kien dahal xoghol Rabat Marbles, fejn kien jahdem mal-imputat. Qal illi kienu ilhom jahdmu hemm it-tnejn li huma ghal madwar hmistax(15)-il sena, u li bejniethom gieli kienu nqalghu argumenti, pero xejn gravi. Iddeskriva r-relazzjoni mal-imputat bhala "*Daqqa tajba u daqqa hazina.*" (folio 26).

Qal ukoll illi dakinhar tal-incident gew imqabbda biex jghabbu xi xoghol u li hu kien issugerixxa lill-imputat, illi x-xoghol kellu jinqabad bil-ganc. Skondtu dan beda joffendieh. Qal anke li waqt illi kien qieghed jghabbi xi xoghol ma' certu Keith Zahra, hu waddab cinga li kienet wahlitlu ma' saqajh – din immullat u laqtet bicca rhama b'mod li din ixxellfet. Kien hemm skondtu li l-imputat mar

jugzah lill-imghallem u bejniethom jghid illi beda l-argument. Xehed illi "*Jien ghamiltlu naqra hekk, u ghidtlu aqtaghha ha tibqa' sejjer biha. Kemm kemm missejtu hekk, u dar fuqi, imbuttani, qalibni mal-art, qabad jaghtini bil-ponn go wicci u f'daqqa wahda weggaghli saqajja, daqqa ta' sieq go saqajjha jew qabez fuqi jigifieri, ma nafx, daqqa tajba jigifieri. Haduni l-isptar ghax kienet miksura, u llum ghadni bil-pjanca u qataghli xi ligaments….."* (folio 27).

Zied illi meta hass id-daqqa ma' saqajh hu kien mal-art.

Xehed illi l-Isptar dam erbat(4) ijiem. Zied illi l-imputat meta rah imwegga' kien talbu biex ma jghidx lill-imghallem biex ma jigix imkecci. Zied illi ghalhekk meta mar l-Isptar kien qallhom illi kien waqa' go pellet. Pero zied illi fil-fatt lanqas biss kien hemm pellet, u li dan kien jidher car mill-filmat mehud fuq is-CCTV.

Zied illi kellu saqajh fil-gibs u damet hekk ghal xahar u nofs; illi sad-data tax-xhieda tieghu kien ghad ghandu l-viti f'saqajh.

In kontro ezami qal illi ftit wara kienet hargitlu d-daqqa f'wiccu, pero ma kinx qal lit-Tabib biha.

Qal illi l-imputat beda jissikkah biex ma jghid b'xejn, pero tal-familja tieghu kienu qalulu biex jghid il-verita' u li kien ghalhekk illi kien mar ghand il-pulizija.

Innega li hu fil-gurnata tal-incident filghodu beda jinbex lil Kevin, cioe' lill-imputat.

Qal illli hu lill-pulizija kien qallhom illi kien imbotta lil Kevin, rega' uza l-kliem illi kien "*ghamillu hekk.*"

Insista li waqt l-incident kien hemm prezenti Keith Zahra, u Brian Giordimaina.

Qal illi wara l-incident tal-irhama, Muscat mar jugzah lil Brian, illi allura mar hdjehom. Zied illi Kevin kien ipprovokah.

Minn naha tieghu **Keith Zahra** ddepona, u qal illi wkoll kien jahdem gewwa Rabat Marbles. Kien jaf ghalhekk kemm lill-imputat kif ukoll lill-parte leza.

Ikkonferma li Adrian Agius xellef l-irham ghax waddab il-ganc, u Kevin (l-imputat) dahal jghid lill-imghallem dwar dan. Qal illi ftit sekondi wara gew fl-idejn. Ma kinx jaf jghid min kien beda dan ghax huma bdew jiggieldu skondtu fil-genb tal-vann u hu – ix-xhud, mar ghax beza', wara l-van.

Ikkonferma in kontro ezami li fuq ix-xoghol kienu jintuzaw il-pellets biex jitghabba x-xoghol.

**Brian Giodimaina** minn naha tieghu, xehed illi anke hu kien jahdem Rabat Marbles. Qal illi kien fil-garaxx meta f'hin minnhom mar Kevin u qallhom – lilu u lill-imghallem, illi kien hemm problema bl-irham ghax kien ixxellef xi skirting. Spjega li wara li kien hemm tixlifa fl-irham, pero x-xoghol ma kellu ebda diffikulta'.

Xehed illi Kevin u Adrian kienu rrabjati ghal xulxin. Qal illi hemmhekk kien prezenti anke Keith Zahra. Kompla jghid illi "*…….fi split of a second jiena gbidt lil Kevin minn fuqu li niftakar, Adrian kien mal-art u Kevin kien fuqu, gbidtu lura u Adrian beda jghajjat bl-ugiegh, waqa' jigifieri.*" (folio 42 - 43)

Spjega li Kevin waqa' fuq Adrian. Jghid "*….qisu qabez fuqu l-kelma bil-Malti.*" (folio 43). Qal illi prattikament ghalih, spjega li Kevin rifes saqajn Adrian.

Qal illi meta wasal fuq il-post is-sitwazzjoni bejniethom kienet hazina. Ma kinx jaf jghid min kien imbotta lil min l-ewwel. Ikkonferma li hu fil-fatt ma rax lil Kevin jirfes saqajn Adrian, pero jaf illi qalghu minn fuqu.

**Edward Zahra** – sid il-kumpanija Rabat Marbles, ikkonferma li Kevin u Adrian kienu jahdmu mieghu, pero fil-gurnata prezenti qal illi Adrian kien qallu li ma kinx ser imur aktar xoghol hemm, ghaliex wara l-incident ma kinx ihoss illi dak kien aktar postu. Hu xehed illi ma kinx prezenti ghall-incident.

Dwar il-filmat tas-CCTV, qal illi mill-filmat ma kinx jidher il-post tal-incident. Qal illi fuq il-footage ma hareg xejn, pero li kien ghadda kopja lil Dr Martin Bajada.

Minn naha tieghu, **Dr Martin Bajada** xehed illi mill-*back-up* tal-filmat illi kien gabar minn fuq is-sit - nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop, ma kien jintgharaf hadd.

Xehed ukoll **Dr Patrick Farrugia**, konsulent fid-Dipartiment tal-Emergenza. Ikkonferma c-certifikat mediku ezebit. Qal illi l-parte leza kellu trauma fl-ghaksa tax-xellug, kellu ghaksa diformata, hafna tbengil u nefha. Zied illi mill-x-ray deher illi kellu ksur fl-ghadma tal-ghaksa, u ghalhekk il-griehi ghalih kienu gravi per durata.

Minn naha tieghu, **Kevin Muscat** kif gia' sottomess, kien gie mitkellem mill-pulizija u ghalhekk giet ezebita l-istqarrija tieghu. Aktar tard ghazel illi jixhed viva voce.

Fl-istqarrija dan spjega dwar l-incident in dezamina, illi x'hin kien sejjer jipparkja l-vann tax-xoghol, qal illi dan Adrian beda jghid illi ried itajru. Zied illi aktar tard, x'hin kienu qeghdin ibattlu x-xoghol, dan Adrian beda jghaddi rimarki fil-konfront tieghu. Kien sarkastiku u skontu beda jitmejjel bih. Qal illi aktar tard dan Adrian waddab ganc illi laqat skirting, bil-konsegwenza li tajrilha bicca minnha. Qal illi hu mar jghid lill-imghallem dwar dan, u b'hekk dan Adrian inharaq - skondtu ghax dan beda jahseb illi kien qed jiggakbinah. Ghalhekk qal illi dan irrabja u hebb ghalih, b'dan illi beda jimbuttah u joffendieh bl-ikrah ghal diversi drabi. Qal illi fil-bidu dahal fil-vann biex ma jkollux inkwiet, pero ghax dan baqa' joffendieh, nizel mill-vann biex jitlaq 'l hemm. Zied illi beda jghidlu biex jieqaf ghax kienu ser jitkeccew mix-xoghol. Qal illi hawn irvilla u habat ghalih. Zied illi beda jzommu biex jiddefendi ruhu, pero jghid illi dan beda jfajjar bis-sieq u bl-idejn. Qal illi beda jghidlu biex jieqaf, u rega' dahal fil-vann. Qal illi hu startja l-vann, dan resaq lura u beda miexi lejn in-naha l-ohra. Qal illi f'daqqa wahda rah mill-mera mitfugh mal-art, jokrob bl-ugiegh f'saqajh. Qal illi hu stess ghenu biex jidhol fil-karozza biex johduh l-isptar.

Innega li hu ta lil dan Adrian bil-ponn u telaghlu fuq saqajh. Qal pero, li jista' jkun illi kien imbuttah.

Viva voce xehed illi hu kien baqa' jahdem mal-kumpanija Rabat Marbles.

Qal issa li hu ma' dan Adrian ma kellux inkwiet, tant illi dan kien anke offrielu li jaghmillu tajra ghax kellu kompetizzjoni fuq hekk. Qal illi fil-5.30 ta' filghodu kulhadd kien qed jiccajta u jidhak fuq il-post tax-xoghol. Qal illi dan, waqt illi bdew inaddfu vann flimkien, beda jitmellah bih minn filghodu. Iddeskriva lil dan bhala bniedem li jhobb jiccajta u jaqbad man-nies. Qal illi anke meta kien hiereg, staqsa lil kulhadd - inkluz lil dan Adrian, jekk ridux xi haga minn barra. Qal illi aktar tard kien dan Adrian illi waddab ganc fuq xoghol mghobbi bil-konsegwenza li tajjar bicca mill-irham. B'dan hass illi kellu javza lis-supervisor tieghu. Qal illi dan x'hin rah jghajjat lis-supervisor, inharaq u mbuttah darbtejn, tliet darbiet. Qal illi hu dahal fil-vann ghax ma ridx inkwiet. Zied illi meta nizel mill-vann pero, dan hebb ghalih bis-sahha. Imbuttah minn wiccu, spjega li dak il-hin dar, dan baqa' sejjer u waqa' mal-art. Qal anke li dak il-hin anke beda jzommu minn idejh biex ma jfajjarx izjed. Qal illi Adrian waqaf ghal ftit sekondi, u hu – l-imputat, rega' dahal fil-vann. Ra lil dan Adrian iqum u jitlaq lura. Kienu skondtu ghaxar (10) metri 'l boghod minn xulxin. Minn hawn rah iqum u telaq lura. Zied illi x'hin irriversja l-vann, sabu warajh

bil-qieghda fuq pellet u kellu saqajh li kienet qieghda tintefahlu. Xehed illi ghenu anke jidhol fil-vann biex johduh l-isptar.

Zied ukoll illi mbuttah tliet darbiet minn wiccu, jigdem idejh u jimbuttah. Ikkonferma wkoll illi dakinhar tal-incident kien hemm il-pellets.

Dwar l-allegazzjoni tad-daqqiet ta' ponn, wiegeb illi hu pprova jevitah ghax l-imghallem kien jghidilhom illi min jiggieled bl-idejn kien ikeccieh 'il barra, u li hu kellu familja, ghalhekk ma setax jispicca bla xoghol.

Dwar Brian Giordimaina, spjega li dan kien prim kugin ta' Adrian u li dawn kienu hbieb.

Zied illi hu qatt ma kellu problem ma' had fuq ix-xoghol ghax kieku ma kinx jaghmel tnejn u ghoxrin (22) sena fl-istess kumpanija.

Dwar dak li ra Giordimaina, xehed hekk "*Jiena ma kontx fuqu, jiena x'hin imbuttani lili minn wicci, u dhalt fil-blokka fejn ikun hemm il-high-up, baqa' sejjer u tfixkel mal-art.*" (folio 80) Qal illi dak il-hin hu x'hin rah li ma setax iqum, zammu minn idejh biex ma jaghtix, u beda jghidlu biex jieqaf ghax setghu jitkeccew.

Qal illi mexa ghaxar (10) metri meta wara rah bil-qieghda fuq pellet.

Zied illi jista' jkun illi x'hin dan xejjer saqajh habatha ma' pellet, pero baqa' jinnega li hu tah bil-ponn. Insista fil-fatt illi l-unika ferita li kellu dan kienet ta' saqajh.

Xehed illi hu kien qieghed jiehu kimoterapija u anke jaghmel ir-raggi. Anke kien gie operat.

In kontro ezami nnega li ghamel stqarrija mal-Ufficjal Prosekutur.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li gie sodisfacentement pruvat fl-opinjoni ta' din il-Qorti, illi kien Adrian – il-parte leza, illi l-ewwel imbotta lil Kevin Muscat. Dan fil-fatt ammettieh hu stess fix-xhieda tieghu. Dan ghamlu kjarament ghaliex hass illi l-imputat kien qieghed jiggakbinah mal-imghallem. Ghalhekk, ghalkemm ma qalx direttament dan Adrian, fi kliem cari, li hu mbotta lil dan Kevin, pero jghid illi "*ghamillu hekk*" – hawn quddiem il-Qorti kien wera "*warding off*" jew bil-palma t'idu jimbotta lil Kevin.

Minn naha tieghu l-imputat, ghalkemm b'reticenza aktar minn ta' Adrian Agius, jirrizulta xorta ghall-Qorti, illi huwa aggredixxa lill-imputat. Ghalkemm dan jinnegah, xorta fl-istqarrija qal illi jista' jkun li mbuttah.

Barra minn hekk, Giordimaina xehed illi kien l-imputat illi fil-fatt kien fuq Adrian. F'dan il-konfront in kwantu ghal dak illi pprova jallega l-imputat - u cioe' li Giordimaina jigi kugin ta' Adrian, xejn fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jxejjen mill-veracita' ta' dak illi qal.

Ghalhekk tqis illi l-verzjoni tieghu hija wahda veritjiera.

Issa l-imputat minn naha tieghu, jghid illi hu gie provokat minn Adrian – dan ghaliex skondtu beda jissikkah, jaqbad mieghu, u anke mbuttah. Izid illi anke biex jevitah tela' fil-kabina (donnu ghal darba, tnejn), u qisu jrid li jitwemmen illi Adrian wegga' ghax waqa', tfixkel f'xi pellets.

Issa l-Qorti gia' esprimiet illi Hi temmen illi l-griehi fuq Adrian Agius gew kagunati mill-imputat, nonostante l-argumenti ftit jew xejn frivoli tieghu.

Il-Profs Mamo fuq tali skuzant, cioe' l-provokazzjoni, jghid:

"*Now in regard to all cases of provocation…it is expressively laid down that they shall not avail the offender unless they shall have taken place at the time of the act in excuse whereof they are pleaded.*" (Pg 242 Notes on Criminal Law).

Ovvja wkoll, illi l-azzjoni tal-imputat, barra li tkun issegwi l-provokazzjoni li allura lejha rreagixxa, trid tkun proporzjonata ghaliha. Verament, kif jispjega l-istess Profs Mamo "*Everything depends on the state of mind of the agent ….those who have to judge must not let themselves be guided by calm wisdom after the event, based on a two minute assessment of the record of evidence – but should judge according to the psychological condition of the agent at the time of the fact and according to what the impression caused on him by the imminent danger permitted to discern and to do.*" (p. 239)

Certament, u fuq dan il-Qorti hasbet aktar minn zewg minuti, kif hawn suggerit, l-imputat ircieva l-ewwel imbuttatura, ghaliex irrapporta lil Adrian Agius dwar

it-tixlifa fuq l-irham. Pero, tali mbottatura wahidha ma kellhix timmerita li jikser saqajn Agius u anke jaghtieh bil-ponn. Thares kif thares lejha din is-sitwazzzjoni, tqis l-azzjoni ta’ Kevin Muscat *oltre che’* eccessiva.

Ghaldaqstant issib lil Kevin Muscat hati tal-akkuza kif mibjuga kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat il-griehi ta’ natura gravi nflitti fuq Adrian Agius.

Solitament din il-Qorti, hija tal-fehma soda li tali akkuzi, meta tigi nflitta hsara fizika, ghandhom igorru piena karcerarja effettiva. Rat pero, illi l-imputat ghandu kondizzjoni medika kemmxejn prekarja;

Ghaldaqstant fuq il-htija ndikata, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar sospiza ghal tlitt (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fehmet lil Kevin Muscat bl-obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet tieghu fir-rigward tas-sentenza sospiza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------